Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 169/2020: **CRMS LTD (C17482)** V. **CASSAR FUEL LIMITED (C28453)**

(IL-PRESUNZJONI ILLI BNIEDEM JIKKUNTRATTA GĦALIH INNIFSU)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**6 ta' Diċembru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' CRMS Ltd ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fil-11 ta' Settembru 2020,

wara li ir-risposta ta' Cassar Fuel Limited ("l-intimata" jew "il-kumpanija intimata") tat-30 ta' Ottubru 2020,

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Atti tal-bidu

1. Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimata tħallas is-somma ta' sitt elef euro (€ 6,000) rappreżentanti servizzi reżi fuq il-bastiment MT Padre Pio III in rigward ISM u ISPS għax-xhur ta' Novembru 2018, Diċembru 2018 u Jannar 2019 skond il-fatturi li ġew annessi mar-rikors u mmarkati bħala Dok A1-A3. Intalbu ukoll l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali interpellatorja intavolata taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 (bin-numru 1299/2020) u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

2. L-intimata fir-risposta tagħha saħqet b'mod ġeneriku li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha. Inoltre ressqet l-eċċezzjoni preliminari illi hija m'hijiex leġittimu kontradittur stante illi m'hijiex is-sid tal-bastiment imsemmi. Ġie eċċepit ukoll illi l-ammonti mitluba m'humiex ċerti, likwidi u dovuti u huma kontestati.

**Il-fatti saljenti tal-każ li jirriżultaw mill-provi**

3. **L-Inġinier Carmel Tonna**, direttur tar-rikorrenti, xehed bil-mezz tal-affidavit (ippreżentat fl-1 ta' Frar 2021) illi bħala *Designated Person Ashore (DPA)* u *Company Security Officer (CSO)* reġistrat tal-bastiment MT Padre Pio III huwa kien ingaġġat mill-intimata sa' mill-2011 sabiex joffri servizzi rigwardanti l-*InternationaL Safety Management (ISM) Code* u *l-International Ship and Port Facility Security (ISPS) Code*. Dawn huma żewġ funzjonijiet kruċjali sabiex bastiment jiffunzjona taħt il-bandiera marittima li taħtha jkun reġistrat. L-Inġinier Tonna jispjega illi:

*"fir-rigward tar-rwoli tiegħi bħala DPA u CSO, ta' min jinnota Ii kemm fl-ISM Manual tal-kumpanija Cassar Fuel Ltd kif ukoll fix-Ship Security Plan tal-vapur, li gew ippreparati minni u approvati mis-Sur Mark Cassar bnala direttur ta' Cassar Fuel Ltd, l-entita responsabbli mill-operat tal-vapur hija b'mod inekwivoka imnizzla bħala Cassar Fuel Ltd. Dawn id-dokumenti gew regolarment awditjati minn RINA Classification Society li kienu jagħmlu audits f'isem il-bandiera Maltija rigwardanti l-ISM u l-ISPS Codes, kemm fil-kumpanija Cassar Fuel Ltd u anke abbord l-imsemmi vapur."*

Ix-xhud esebixxa numru ta' dokumenti in sostenn tax-xhieda tiegħu inkluż estratt mill-ISM Manual tal-intimata, iffirmat minn Mark Cassar, li fih hemm indikat illi huwa kien ġie maħtur mill-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija intimata bħala *Designated Person Ashore (DPA)*: *"to ensure overall compliance with the Cassar Fuel ltd Safety Management System (SMS) as defined in this manual"*

L-Inġinier Tonna xehed li huwa qatt ma' kien ġie infurmat minn xi ħadd li s-servizzi tiegħu ma' kienux baqgħu meħtieġa u kien hu, fuq inizjattiva tiegħu personali, illi nfurma lil Transport Malta li ma' kienx ser jibqa' jaqdi l-funzjonijiet ta' DPA u CSO wara l-31 ta' Jannar 2019. Jgħid illi l-intimata dejjem kienet ikkupjata b'korrispondenza bejnu u Transport Malta. Inoltre saħaq illi:

*"jien dejjem ħdimt għal Cassar Fuel Ltd, li nafhom bħala manager tal-vapur MT Padre Pio Ill u dejjem tħallast mill-imsemmija kumpanija. Illi l-invoices li kienu jinħarġu regolarment, kienu jiġu mgħoddija bl-idejn lill-Accounts Department ġeneralment lil*

*Mirelle Cassar u fl-ebda istanza ma ġew rifjutati bħala mhux dovuti. Illi l-ħlas min-naħa ta' Cassar Fuel Ltd baqa' jsir sa Ottubru 2018, mingħajr ebda kontestazzjonijiet"*

4. In kontroeżami, fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2021, l-istess Inġinier Tonna innega illi meta kien ippresta s-servizzi li tagħhom qed jitlob il-ħlas l-bastiment ma' kienx qiegħed isalpa jew jopera. Ikkonferma ukoll illi l-kuntratt tiegħu ma' kienx mas-sid tal-bastiment, ossia Emanuel Navigation Limited, imma mal-kumpanija intimata Cassar Fuel Limited li kienet il-kumpanija inkarigata mill-*management* tal-bastiment. Insista ukoll illi huwa kien mar għal numru ta' drabi personalment fuq il-bastiment matul it-tlett xhur li huwa ppresta s-servizzi tiegħu, anke jekk skond hu ma' kien hemm l-ebda obbligazzjoni li jagħmel hekk.

5. Ġie prodott ukoll bħala xhud mill-kumpanija rikorrenti, **Joseph Galea** li fost affarijiet oħra, għan-nom ta' Transport Malta kkonferma illi meta fil-31 ta' Jannar 2019 huwa bagħat *email* lill-intimata sabiex jinfurmaha illi kien wasal iż-żmien għal *inspection* fuq il-vapur min-naħa tal-awtorità, l-Inġinier Tonna bħala d-*DPA* u c-*CSO* tal-vapur kien bagħtlu lura fit-8 ta' Frar 2019 sabiex jinfurmah illi b'effett mill-31 ta' Jannar 2019 huwa ma' kienx għadu f'dawk il-karigi.

6. Fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2019 ġie vverbalizat *inter alia* s-segwenti mill-Qorti:

*"I-Qorti rat illi l-kawza illum kienet imhollija ghal kontinwazzjoni provi intimata. Tqis in-nuqqas ta' dehra illum tal-kumpanija intimata u tal-avukat li jippatrocinjaha bhala dikjarazzoni li m'ghandiex izjed provi xi tressaq. Il-Qorti stante illi il-kumpanija rikorrenti qed tistrieh fuq il-provi li resqet u tiddikjara illi ma ghandiex trattazzjoni x'taghmel, qed thalli l-kawza ghas-sentenza in difett d'ostakolu ghas-06 ta' Dicembru 2021 fid-09:00am".*

**Kunsiderazzjonijiet**

7. Mid-dokument immarkat bħala CT1 anness mal-affidavit tal-Inġinier Carmel Tonna jirriżulta illi l-bastiment li fuqu ġew pprestati s-servizzi mertu ta' din il-kawża huwa proprjetà tal-kumpanija Emmanuel Navigations Ltd filwaqt illi l-*Management Company (DOC Holder)* hija l-kumpanija intimata Cassar Fuel Ltd.

8. L-intimata qed teċepixxi b'mod preliminari illi hija m'hijiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża peress illi m'hijiex sid il-bastiment in kwistjoni. L-Inġinier Tonna, direttur tar-rikorrenti, però jisħaq illi l-kuntratt li kellu kien mal-kumpanija intimata bħala l-kumpanija li hija responsabbli mill-*management* tal-vapur, u mhux mal-kumpanija li hija s-sid tal-vapur.

9. Għalkemm ma' ġie esebit l-ebda kuntratt, fin-nuqqas ta' provi kuntrarji l-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita illi r-relazzjoni kuntrattwali kienet bejn il-partijiet kontendenti f'din il-kawża. Fuq kollox, m'huwiex il-każ illi kellha tkun biss is-sid tal-vapur in kwistjoni il-persuna li titlob is-servizzi mingħand ir-rikorrenti. Jagħmel iżjed sens illi tkun il-kumpanija li tmexxi l-istess vapur, *ergo* l-kumpanija intimata f'din il-kawża, illi tidħol f'relazzjonijiet kuntrattwali għall-prestazzjoni ta' servizzi neċessarji fuq l-istess vapur.

10. Il-Qorti tagħmel riferenza ukoll għall-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fosthom is-sentenza fl-ismijiet: "**Media Today Co. Ltd v. Mary Gauci**" (App. Ċiv. Nru. 80/2011 AE, 15/07/2016) u s-sentenza fl-ismijiet: "**M.C.F. Company Ltd v. Charles Buhagiar et**" (Rik. Maħluf Nru. 1008/2014 LM, 15/06/2016). F'din l-aħħar sentenza, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

*"Illi f'materja tal-identità tal-persuna li tidħol f'rapport kuntrattwali ma' ħaddieħor, din il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għal dawn il-pronunzjamenti tal-ġurisprudenza u fehmiet ta' kittieba tad-dritt ċivili u kummerċjali:*

*1) huwa prinċipju ġenerali li, f'ġieħ is-sikurezza tan-negozju ġuridiku, meta wieħed jagħmel ftehim, ikun jaf sewwa l-identità tal-persuna li tkun qiegħda tobbliga ruħha lejh, jew li jkun qiegħed jobbliga ruħu lejha.*

*2) hija ħaġa minn ewl id-dinja illi bniedem jikkuntratta għalih innifsu u kull min jidħol fi ftehim ikun ġustifikat jassumi, kemm għas-serħan il-moħħ tiegħu, kemm għas-sigurtà tal-operazzjonijiet kummerċjali, li jkun qiegħed jiftiehem mal-persuna li tkun daħlet fil-ftehim miegħu u mhux ma' ħaddieħor. Hemm ukoll il-prinċipju sagrosant li l-kuntratti jridu jsiru in bona fede u ħadd m'għandu jkun sorpriż b'allegazzjoni fiergħa li minflok ma' Kaju, huwa jkun ikkuntratta ma' Sempronju.*

*3) biex persuna li tidħol f'kuntratt torbot lil ħaddieħor li tkun qiegħda tirrappreżenta, din trid tagħmilha ċara mal-parti l-oħra li qed taġixxi f'isem ħaddieħor, u turi lill-parti l-oħra, b'mod ċar l-identità tagħha; dak li l-Taljani jsejħulha spendita del nome, jew il-contemplatio domini. Il-mandat irid jintwera jew espressament inkella għall-inqas b'mod li l-parti l-oħra tkun raġonevolment taf li tkun qed tikkuntratta ma' persuna li tkun qiegħda tidher għal ħaddieħor. Fl-assenza ta' turija espliċita, huwa neċessarju u fl-istess ħin biżżejjed "un comportamento del rappresentante che, per univocità e concludenzia, sia idoneo a portare a conoscenza dell'altro contraente di diligenzia*

*media" - hekk imsejħa contemplatio domini per facta concludentia. "In conseguenza la rappresentanza può essere dedotta – oltre che da una dichiarazione espressa – da ogni altro elemento da cui risulti in modo inequivoco che l'attività del soggetto si svolga in attuazione di un potere rappresentativo a lui conferito".*

*Jissokta jiġi preċiżat illi l-presunzjoni affermata fis-sentenza appena aċċennata kienet però waħda juris tantum u allura tammetti l-prova kuntrarja. Prova din li kienet tispetta lil persuna li kien qed jidher f'isem u għan-nom ta' persuna oħra. "Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qiegħed jaġixxi bħala mandatarju ta' ħaddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien ġie a konoxxenza tal-persuna li magħha jkun qiegħed jikkuntratta" - Lawrence Formosa nomine et nomine vs. Silvio Felice, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999.*

*"Mhux biżżejjed allura li l-appellanti jistrieħ fuq is-sempliċi dikjarazzjoni tiegħu illi hu qatt ma innegozja mas-soċjetà attrici f'ismu personali. Hu ħtieġlu li manifestament jipprova dan l-istess assunt tiegħu".*

*Fil-każ ta' persuna li tkun qed tippretendi li tidher għal kumpannija, ingħad hekk: "Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun ġestit minn soċjetà b'responsabilità limitata, u għaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu tagħha li tindika dan fl-aktar mod ċar u inekwivoku lit-terzi li jkunu qegħdin jinnegozjaw magħha. Tali indikazzjoni għandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, eċċ relatati ma' akkwisti magħmula minnha. Fin- nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz għandu kull dritt jippreżumi li qiegħed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod ieħor. Kien għalhekk jinkombi fuq il-konvenut (omissis) li jġib il-prova li s-soċjetà attriċi kienet ġiet mgħarrfa li n-negozju kien qiegħed jiġi ġestit minn soċjetà kummerċjali, skont hu s-soċjetà M.A.*

*Illi dan il-prinċipju ġie kostantament applikat mill-Qrati tagħna. Hekk, fil-kawża fl-ismijiet Charles O'Flaherty noe. vs. Joseph Micallef (Ċit. Nru 885/85/JDC), deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Ġunju, 1987, fejn ilfatti kienu simili għal dawk in eżami, ingħad:*

*"Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment għall-ħlas, peress li ma jirriżultax li fiż-żmien meta kien isir in-negozju inkwistjoni huwa indika lis-socjetà attriċi li l-ħlas ma kellux isir minnu izda minn socjeta kummercjali".*

*4) l-ispendita del nome trid issir sal-mument meta l-ftehim ikun ġie ffinalizzat. "Għar-rigward tal-portata tal-vinkolu kontrattwali, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Diċembru, 1999 mogħtija fil-kawża Vella vs. Vella noe. Skont din is-sentenza, il-mument determinanti huwa meta tiġi kontrattata l-obbligazzjoni. Huwa dak il-mument fejn min jikkontratta għandu l-obbligu li jiddikjara b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni mhux qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra (fiżika jew morali) li trid tkun ben identifikata. Huwa fl-obbligu li jassikura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konoxxenza tal-parti l-oħra f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi naxxenti minn dak in-negozju."*

*"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjetà attriċi kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konnoxxenza tas-soċjetà attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta (John Vella noe v. Anthony Vella et, Qorti tal-Appell, 3 ta' Diċembru, 1999).*

*5) meta persuna tallega li aġixxiet f'isem ħaddieħor, il-piż tal-prova jaqa' fuqha: "Ladarba rriżulta li l-ordni saret mill-konvenut sta għall-istess konvenut li jipprova li meta għamel l-ordni ma għamilhiex f'ismu personalment iżda għamilha għal xi ħaddieħor. Jekk din il-prova ma ssirx għas-sodisfazzjon tal-Qorti jsegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment għall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li għamel." Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerċ Cilia noe vs. Scicluna (K/FGC) tas-27 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.673) u Bonnici noe vs. Grima (K/JDC) tat-30 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.677) u tal-Qorti tal-Appell Caruana et vs. Magro et tas-6 ta' Ottubru, 1999, hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddiehor, jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Għalhekk fil-każ tal-lum, jinkombi fuq il-konvenuti l-oneru tal-prova tal-ewwel u tat-tieni eċċezzjonijiet u ċioè il-prova li l-kreditu pretiż minn Golden Harvest mhuwiex dovut minnhom personalment iżda mill-kumpannija Dolceria Italiana Limited, li tagħha jirriżulta li l-konvenuti huma l-azzjonisti u li tagħha jirriżulta li kienu t-tnejn diretturi fid-data tal-presentata tar-rikors ġuramentat."*

*6) Il-provi f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jigi eskluż (Troplong mandato no. 50) ċitata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203… "Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 1999 fil-kawża Formosa et noe vs. Felice tat direzzjoni preċiża fis-sens illi sostniet li kien jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhumiex daqstant ovvji. Fejn hemm dubju però wieħed għandu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet qed tagħmel hekk f'isimha proprju"*

11. Għar-raġunijiet ġia msemmija iktar 'l fuq il-Qorti ma' ssibx li l-eċċezzjoni preliminari tal-intimata għandha xi fondament legali u għalhekk qed tiġi miċħuda.

12. Fir-rigward tas-servizzi nfushom, għalkemm l-intimata eċċepiet illi dawn qed jiġu kkuntestati u li l-ammonti mitluba m'humiex ċerti, likwidi u dovuti, l-istess intimata ma' ressqet l-ebda provi f'dan ir-rigward u għalhekk il-Qorti m'għandiex għalfejn tiddubita mill-verżjoni mhux kontradetta tal-Inġinier Tonna illi s-servizzi in kwistjoni ġew effettivament reżi lill-intimata.

**Deċiżjoni**

13. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u b'hekk:**
    a. **Tiddikjara illi l-intimata hija debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' sitt elef euro (€ 6,000) rappreżentanti servizzi reżi fuq il-bastiment MT Padre Pio III in rigward ISM u ISPS għax-xhur ta' Novembru 2018, Diċembru 2018 u Jannar 2019,**
    b. **Tikkundanna lill-intimata tħallas dan l-ammont lir-rikorrenti,**

    **Bl-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż kif mitluba kontra l-intimata.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |